MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## PETER BORG COSTANZI

Seduta ta' l-20 ta' Frar, 2007

Talba Numru. 1178/2005

**Talba Nru: 1178/05PBC**

**Carmel Gatt (ID Card 95057M) u martu Florence Gatt (ID Card 152002L)**

**Vs**

**Mohammed Gharsali (ID Card 19482A) u Citadel Insurance p.l.c. u b'digriet tat-Tribunal tal-20 t'April, 2006 giet kjamata fil-kawza s-socjeta' Middlesea Insurance plc**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li bih l-atturi talbu li l-konvenuti jigu kkundannati jhallsu s-somma ta` mitejn u tmenin lira Maltin u hamsin centezmu (Lm280.50c) u dan rapprezentanti danni sofferti mill-attur wara l-incident stradali fil-post u data indikati meta Mohammed Gharsali li kien qed isuq il-vettura bin-numru ta` registrazzjoni EBF 936 habat mal-vettura bin-numru ta` registrazzjoni LCF 405 proprjeta` ta` l-atturi u dan wara li hariglu vann bin-numru ta` registrazzjoni DAH 381 assigurat mas-socjeta` Citadel Insurance p.l.c. ghal liema incident jahti l-konvenut Gharsali u/jew l-assigurat ta` Citadel Insurance p.l.c. Bl-ispejjez inkluzi dawk ta` l-Ittra Legali tat-22 ta` Dicembru 2004, l-14 ta` Jannar 2005, l-1 ta` Frar 2005 u ta` l-Ittra Ufficjali pprezentata kontestwalment kontra Middlesea Insurance p.l.c. ghall-finijiet tal-Kap. 104 u bl-imghax dekoribbli skond il-ligi sal-effettiv pagament.

Ra r-Risposta ta` Citadel Insurance p.l.c. li biha wiegbet illi l-assigurat taghha, s-sewwieq tal-vettura bin-numru ta` registrazzjoni DAH 381 ma jahtix ghall-incident *de quo*. Illi fi kwalunkwe kaz l-ammont reklamat mill-attur huwa esagerat. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt bl-ispejjez kontra l-attur.

Ra d-digriet tat-Tribunal tal-20 t`April, 2006 li permezz tieghu giet imsejha fil-kawza s-socjeta` Middlesea Insurance p.l.c. u din bhala assigurazzjoni li tirrapprezenta lil Mohammed Gharsali.

Ra r-Risposta tas-socjeta` Middlesea Insurance p.l.c. li biha eccepiet illi l-incident *de quo* ma garax tort tal-konvenut Mohammed Gharsali assigurat mas-socjeta` konvenuta izda unikament bi htija ta` l-assigurat tas-socjeta` konvenuta l-ohra Citadel Insurance p.l.c. li kien qed isuq il-vettura bin-numru ta` registrazzjoni DAH 381. Illi ghalhekk is-socjeta` konvenuta Middlesea Insurance p.l.c. m'hijiex responsabbli ghall-hlas tad-danni pretizi mill-atturi u minghajr pregudizzju ghas-suespost is-socjeta` attrici ghandha ggib prova tad-danni minnha pretizi.

Ra l-verbal tas-seduta tal-20 ta` Gunju, 2006 li biha Dr Edward Saliba ghal Middlesea Insurance p.l.c. iddikjara illi

jekk Mohammed Gharsali jinstab responsabbli ghall-kollizjoni l-patrocinati tieghu huma obbligati skond il-ligi biex jaghmlu tajjeb. In vista ta` din id-dikjarazzjoni Dr Mirielle Mifsud ghall-attur, sabiex tirregola ruhha ahjar irrinunzjat il-kawza fil-konfront ta` Mohammed Gharsali biex tidderiegi l-pretenzjonijiet taghha direttament kontra l-assigurazzjonijiet koncernati, cjoe` Citadel Insurance p.l.c. u Middlesea Insurance p.l.c.

Sema` x-xhieda ta` Emeriziana Agius, Mark Aquilina, Florence Gatt, John Meli u ta` Paul Cassar.

Ra l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti.

Sema` t-trattazzjoni ta` Dr Mirielle Mifsud ghall-atturi u ta` Dr Edward Saliba u Dr Philip Magri ghall-assigurazzjonijiet konvenuti.

**Ikkunsidra**

Illi fil-kaz odjern Florence Gatt kienet qeghda ssuq vettura bin-numru ta` registrazzjoni LCF 405 fi Triq il-Kbira ta` San Guzepp, il-Hamrun. Hija kienet qeghda miexja bil-mod u fuq in-naha taghha tat-triq. Hija osservat karozza gejja mid-direzzjoni opposta taghha u inoltre, man-naha tal-lemin taghha kien hemm vann ipparkjat li kien hiereg mil-*loading bay*. Fil-mument li dan il-vann kien hiereg u kienet gejja l-karozza l-ohra mid-direzzjoni opposta. Il-karozza li kienet gejja mid-direzzjoni opposta daret ghal fuqha u b’hekk sehhet il-kollizjoni bejn dawn iz-zewg vetturi. Il-vann li kien hiereg mil-*loading bay* ma giex milqut fl-incident. Ghal xejn ipprovat tikser lejn ix-xellug kemm setghet.

John Meli, s-sewwieq tal-vann, cahad illi huwa kien hiereg mil-*loading bay* u kemm hu u kif ukoll Paul Cassar li kien riekeb mieghu kkonfermaw illi huma kienu weqfin fil-mument li sehh l-incident ghalkemm kienu intenzjonati li johorgu minn hemm. Mohammed Gharsali kien qed isuq il-vettura li laqtet il-vettura ta` l-attrici spicca ma xehedx u l-unika verzjoni li ghandna tax-xhieda tieghu huwa dak li

jirrizulta min-notamenti tal-*warden* li kkonferma li Gharsali qallu:

“Kont ghaddej u kien hemm vann DAH 381 u harigli. Jien inhsadt zammejt il-brejk u kien hemm it-triq imxarrba u lqatt lil LCF 405.”

It-Tribunal li kellu l-opportunita` li jisma` *viva voce* lil Florence Gatt, Paul Cassar u John Meli huwa tal-fehma illi l-verzjoni ossija d-dinamika ta` kif sehhet il-kollizjoni kif spjegat l-attrici hija aktar attendibbli minn kif spjegaw Meli u Cassar.

Il-verzjoni li tat l-attrici giet korroborata mir-Rapport tal-*warden* u inoltre, dak li qal Gharsali huwa kkoroborat kemm minn dak li qal il-*warden* u kif ukoll dak li qalet l-attrici lill-*warden a tempo vergine*. Li jkompli jikkonferma l-konkluzjoni raggunta minn dan it-Tribunal f’dan ir-rigward, huwa l-fatt illi wara l-incident Meli kkonferma illi huwa ma setax isuq il-vann ‘il barra liberament ghax kien qed jigi mblokkat mill-vettura ta` Gharsali. Cassar, li rikeb mieghu cahad li kien gara hekk.

It-Tribunal ma jistax ma jikkumentax ghall-fatt illi l-*warden* li ezamina l-kollizjoni in kwistjoni ma hassx li ghandu jnizzel il-verzjoni tad-dinamika ta` l-incident ta` Meli *a tempo vergine* billi l-vettura tieghu ma gietx milquta. Kien ikun ferm u ferm ahjar kieku l-*warden* ha l-briga u nizzel in-notamenti ta` dak li kellu xi jghid Meli u inoltre, li jiehu l-kejl relattiv dwar il-pozizzjoni ta` fejn kien il-vann misjuq minn Meli.

It-Tribunal huwa tal-fehma li Meli ghandu tort ghall-kollizjoni billi hareg minn pozizzjoni ta` *parking* minghajr ma vverifika li jista` jaghmel hekk minghajr xkiel ghat-traffiku li kien gej minn warajh.

B’danakollu pero` t-Tribunal huwa tal-fehma illi Meli m’huwiex unikament responsabbli ghall-kollizjoni u li Gharsali ghandu jbati parti mill-htija wkoll. Kif spjegat tajjeb Florence Gatt, kien evidenti li l-vann kien hiereg mill-pozizzjoni ta` *parking* u hija kienet innotatu u kienet

verament sorpriza li Gharsali ma ndunax b'dan il-vann u ma waqafx jew ma sslowjax minhabba f'hekk. Huwa evidenti wkoll li Gharsali ma kienx qed izomm *a proper lookout* ghaliex kienu kien jinduna bil-vettura misjuqa minn Meli u jiehu azzjoni evasiva.

Illi ghalhekk it-Tribunal huwa tal-fehma illi r-responsabbilta` tal-kollizjoni hija mputabbli ugwalment bejn Meli li kien qed isuq il-vann bin-numru ta` registrazzjoni DAH 381 u Gharsali li kien qed isuq il-vettura bin-numru ta` registrazzjoni EBF 936 u ghalhekk illi d-danni sofferti mill-attrici ghandhom jigu kkompensati ugwalment bejn is-socjeta` Citadel Insurance p.l.c. u s-socjeta` Middlesea Insurance p.l.c.

Ghar-rigward tad-danni dawn gew sodisfacentement ippruvati u inoltre, fit-trattazzjoni hadd ma lmenta dwar il-*quantum* u ghalhekk it-Tribunal jidhirlu li dawn ghandhom jitqiesu bhala sufficjentement ippruvati.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta` u jiddeciedi billi jiddikjara li l-kollizjoni sehhet b'responsabbilta` ugwali tas-sewwieqa tal-vetturi bin-numru ta` registrazzjoni EBF 936 u DAH 931 u konsegwentement jikkundanna lil Citadel Insurance p.l.c. u lil Middlesea Insurance p.l.c. sabiex ihallsu lill-atturi s-somma ta` mija w erbghin lira Maltin u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm140.25c) kull wiehed. In vista tal-verbal fuq imsemmi t-Tribunal jastjeni milli jiehu konjizzjoni tat-talba fil-konfront ta` Mohammed Gharsali. L-ispejjez tal-kawza jinqasmu bin-nofs bejn iz-zewg kumpaniji assigurattrici fuq imsemmija. L-interessi jibdew jiddekorru mid-data tan-notifika ta` l-Avviz fil-konfront tas-socjetajiet imsemmija rispettivament.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------